MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 320/2007

**Kawża Nru: 24**

**A**

**-vs-**

**Kuratur li b'digriet tat-13 ta' Awissu, 2007 ġie nominat sabiex jirrappreżenta lill-assenti B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Awissu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat is-segwenti fatti li tafhom personalment:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat f'Malta fil-11 ta' Novembru tas-sena 1989, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bl-Att taż-żwieġ li jġib in-numru ____ / ____, Dokument A;
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieled tifel bl-isem ta' C li għadu minuri u llum għandu erbatax-il sena;

3. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet imputabbli lill-intimat illi abbanduna d-dar matrimonjali, lil martu u ibnu u li rrenda ruħu ħati ta' sevizzi, minaċċi u nġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti martu;

4. Illi r-rikorrenti tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn ma' l-intimat u konsegwentement isseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżisteni bejniethom;

5. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi jiġi dikjarat li bħala konsegwenza tas-surreferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawn il-proċeduri permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' Mejju, 2005 u numerat ____ / 2005; liema terminu ġie estiż pemezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 6 ta' Lulju, 2007 u numerat ____ /2007, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B;

Għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi għal raġunijiet imputabbli lill-intimat;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C f'idejn ir-rikorrenti;

3. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u għalhekk tgħaddi

sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti, u dana mhux neċessarjament fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti;

4. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u għal binha minuri u tordna lill-intimat sabiex iħallas l-istess manteniment;

5. Tillikwida somma rappreżentanti ħlas ta’ arretrati ta’ manteniment għar-rikorrenti u għall-minuri, u tordna lill-intimat iħallas din is-somma kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Tiddikjara li r-rikorrenti għandha tibqa’ tgħix fid-dar matrimonjali u *cioe’* < address >, flimkien ma’ binha, *ad* esklużjoni ta’ l-intimat;

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti s-sanzjonijiet stipulati fl-Artiklu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta), u dan bħala konsegwenza tal-ħtijiet manifesti ta’ l-intimat fit-tkissir ta’ dan iż-żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi huwa nġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuratur Avukat ___________, ippreżentata fit-13 ta’ Awissu, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett:

Illi l-esponent ma huwiex edott mill-fatti u qiegħed jirriserva d-dritt li jippreżenta risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta’ l-attriċi u ta’ *omissis*.

Rat l-affidavit tal-kuratur li permezz tagħha ddikjara li ma kellux risposta mill-konvenut għall-ittra reġistrata li bagħatlu.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur ta’ l-attriċi.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut kif *gia’* indikat ma tax informazzjoni lill-kuratur biex ikun jista’ jikkontesta adegwatament it-talba.

Il-partijiet iżżewġu fl-____ u kellhom tifel. Il-konvenut li huwa barrani ħalla Malta ħabta u sabta u skond l-affidavit ta’ l-attriċi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma hemm xejn ħlief l-*utile dominium* li wasal biex jiskadi (fl-2009) tal-fond matrimonjali. Għalhekk m’huwiex il-każ li ssir stima tal-fond u hu iktar prattiku li jiġi assenjat lill-attriċi d-dritt li tabita fiha *ad* esklużjoni tal-konvenut.

Fir-rigward tal-manteniment għall-minuri u għall-attriċi ma hemmx provi dwar kemm qiegħed jaqla’ l-konvenut, iżda l-Qorti xorta ser tipprovdi għal kull *buon fini*.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għalhekk:**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fir-rikors promotur;**

**2. taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri C lill-attriċi;**

**3. tilqa’ t-tielet talba;**

**4. tordna lill-konvenut iħallas bħala manteniment is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) fix-xahar għall-attriċi u mitejn Euro (€200) fix-xahar għall-minuri;**

**5. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba *stante* n-nuqqas ta' provi fir-rigward;**

**6. tilqa' s-sitt talba;**

**7. tilqa' s-seba' talba u tiddikjara applikabbli s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 48 u 51 sa 55 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut, iżda l-attriċi provviżorjament għandha tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuratur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------